



Brussell, 13 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8654/25

COMPET 338  
MI 286

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Tħejija tal-Kunsill Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) tat-22 ta' Mejju 2025</i> Strateġija għas-Suq Uniku - <i>Preżentazzjoni mill-Kummissjoni</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' informazzjoni mill-Presidenza intitolata "Strateġija għas-Suq Uniku" bil-ħsieb ta' preżentazzjoni mill-Kummissjoni fil-Kunsill Kompetittività tat-22 ta' Mejju 2025.

**DOKUMENT TA' DISKUSSIONI**

**Laqgħa tal-Kunsill Kompetittività**

**Brussell, 22 ta' Mejju 2025**

***Strateġija għas-Suq Uniku***

Bl-adozzjoni ppjanata skedata għall-21 ta' Mejju, il-Kummissjoni ser tippreżenta l-Istrateġija għas-Suq Uniku fil-forma ta' Komunikazzjoni li ser tinkludi pjan ta' azzjoni konkret u skeda ta' żmien. L-istrateġija ser ikollha l-għan li tidentifika u tneħħi l-ostakli regolatorji u amministrattivi eżistenti filwaqt li tipprevjeni milli jitfaċċaw oħrajn ġodda.

Ser tistabbilixxi viżjoni komprensiva u li tħares 'il quddiem għas-Suq Uniku, u tikkomplementa inizjattivi speċifiċi għas-settur.

L-istrateġija ser tiffoka fuq l-iffaċilitar tal-forniment transfruntier ta' servizzi u l-moviment tal-merkanzija, filwaqt li ssaħħaħ il-governanza orizzontali tas-Suq Uniku. L-oqsma ewlenin ta' azzjoni ser jinkludu d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi u t-tisħiħ u l-aċċellerazzjoni tal-infurzar tar-regoli tas-Suq Uniku.

L-istrateġija mħabbra ser tkun ukoll tweġiba għas-sejħa tal-Mexxejja ta' April 2024 biex tiġi żviluppata strateġija orizzontali ġdida għal Suq Uniku mmodernizzat sal-aħħar ta' Ġunju 2025 kif ukoll ir-rispons għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Kompetittività tal-24 ta' Mejju 2024, li jitolbu lill-Kummissjoni tadotta Strateġija orizzontali ġdida għal Suq Uniku mmodernizzat sa Ġunju 2025 bl-għan li titnaqqas il-frammentazzjoni u jitlesta s-Suq Uniku fl-oqsma ta' politika kollha, inkluż pjan direzzjonali bi skedi ta' żmien u stadji importanti ċari għal azzjonijiet urġenti u konkreti fl-oqsma kollha ta' politika, bil-ħsieb li tinħoloq żona mingħajr fruntieri interni fejn il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital ikun żgurat għall-benefiċċju ta' kulħadd.

*F'dan il-kuntest, nistiednu lill-Istati Membri jinvolve ruħhom fl-ewwel skambju ta' fehmiet dwar l-Istrateġija, biex jiġi żgurat fehim kondiviż tal-prijoritajiet.*